DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1325

tat-28 ta' Lulju 2016

li taħtar tliet membri u erba' membri supplenti, proposti mill-Irlanda, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Irlandiż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sinjura Maria BYRNE, is-Sur Neale RICHMOND u s-Sinjura Rose CONWAY WALSH saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sinjura Fiona O'LOUGHLIN u tas-Sur Maurice QUINLIVAN saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sinjura Deirdre FORDE u tas-Sur Michael MURPHY bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membri:

— Is-Sur Michael MURPHY, *Councillor, Tipperary County Council*,

— Is-Sinjura Deirdre FORDE, *Councillor, Cork County Council*,

— Is-Sur Gerry MURRAY, *Councillor, Mayo County Council*,

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur Barry WARD, *Councillor, Dún Laoighaire/Rathdown County Council*,

— Is-Sinjura Irene WINTERS, *Councillor, Wicklow County Council*,

— Is-Sur Eamon DOOLEY, *Councillor, Offaly County Council*,

— Is-Sinjura Dianne NOLAN, *Councillor, Kerry County Council*.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
M. LAJČÁK